# Ic-Charter tal-Pazjent

# Fl-Isptar Pubbliku




## Inti ntitolat li tistenna u tircievi servizzi ta' kwalita' gholja fi sptarijiet pubblici.

Dan ic-charter jippromwovi shubija bejnek u l-istaff tas-servizzi tas-sahha.

Jekk ghandek xi thassib li qed jikkonfondik li tixtieq tqajjem, l-isptar tieghek ghandu Rapprezentant tal-Pazjent li mieghu tista' titkellem dwar dak li qed jinkwetak. Staqsi lill-istaff tal-ward jew fid-Desk ta' Informazzjoni fl-Isptar jew lir-Reception ghal aktar informazzjoni.

Dawn li gejjin huma d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tieghek fl-isptarijiet pubblici.

## Id-Drittijiet Tieghek

**Inti ghandek id-dritt ghal:**

### Varjeta' kbira ta' servizzi fi sptar pubbliku

Tkun fejn tkun fl-iStat, inti ghandu jkollok access ghal varjeta' kbira ta' servizzi li jipprovdu kura xierqa ta' kwalita' gholja.

### Kura bbazata fuq bzonn mediku minkejja li ma tkunx tista' thallas jew l-istat ta' l-inxurans tas-sahha tieghek

Inti ghandek id-dritt li tircievi kura medika, skond il-kundizzjoni medika tieghek, kemm jekk tkun pazjent pubbliku jew pazjent privat.

### Aghzel jekk tixtieqx tkun ikkurat bhala pazjent pubbliku jew pazjent privat

Inti tista' tiddeciedi jekk tkunx trid tidhol bhala pazjent pubbliku jew pazjent privat fl-isptar.

### Trattament u kura f'ambjent sikur

Inti ghandek id-dritt li thossok salv, nadif u komdu waqt li tkun l-isptar.

### Itlob ghal interpretu akkreditat, jekk ma titkellimx bl-Ingliz sewwa.

Inti ntitolat li tuza servizz ta' interpretu ghal informazzjoni essenzjali, bhal m'huwa dhul fl-isptar, u diskussjoni dwar l-istorja medika u kura tieghek.

### Servizzi pprovduti b'mod sensittiv kulturalment

Inti ghandek id-dritt li tkun ikkurat b'mod li jirrispetta l-kultura u t-twemmin tieghek.

### Hu sehem fit-tehid tad-decizjonijiet dwar it-trattament u l-kura tieghek

Inti ghandek id-dritt li tkun involut kompletament f'decizjonijiet dwar il-kura tieghek u tinghata opportunitajiet biex taghmel mistoqsijiet u tiddiskuti l-kura tieghek.

Tista' tahtar ukoll lil xi hadd biex jaghmel decizjonijiet medici ghalik jekk ma tkunx tista' f'xi waqt.

### Hu sehem f'decizjonijiet u ikseb informazzjoni dwar meta thalli l-isptar

Ghandek id-dritt li tiehu sehem f'decizjonijiet dwar meta thalli l-isptar u li tikseb informazzjoni dwar servizzi disponibbli. Tista' thalli l-isptar inti stess kontra l-parir tat-tabib tieghek, madankollu, tista' tkun mitlub biex tiffirma formula li biha taccetta responsabbilta' ghad-decizjoni tieghek.

### Informazzjoni dwar liema haddiema fl-isptar jipprovdu l-kura tieghek

Inti ghandek id-dritt li tinzamm infurmat dwar min huwa responsabbli ghall-kura tieghek u kif tikkuntattjahom.

patientcharter.health.vic.gov.au

MALTESE

### Informazzjoni dwar il-kura ta' sahha tieghek u, jekk tixtieq, opinjoni medika ohra

Inti ntitolat li tkun infurmat kompletament dwar il-kura medika tieghek u tfittex opinjoni ohra, jekk ikun mehtieg.

### Access ghar-rekords tas-sahha tieghek u segretezza ghall-informazzjoni personali tieghek

Ghandek id-dritt li tara r-rekords tas-sahha personali tieghek. Dan jista' jsir permezz tat-tabib tieghek jew permezz tal-Freedom of Information .

L-ufficjal tal-Freedom of Information fl-isptar jista' jaghtik pariri dwar kif titlob dan.

Kull min ikun involut fit-trattament u l-kura tieghek ghandu dmir professjonali u legali biex izomm l-informazzjoni dwarek konfidenzjali.

### Kura b'rispett, dinjita' u konsiderazzjoni ghal privatezza

Sakemm ikun possibbli, servizzi tas-sahha jipprovdu kura u trattament f'ambjent li jippermetti privatezza. Inti mistenni wkoll li tittratta l-istaff fl-isptar b'rispett u konsiderazzjoni.

### Informazzjoni dwar passi li jiehu l-isptar biex itejjeb il-kwalita' ta' kura

L-isptarijiet ghandhom ikunu jistghu jipprovdulek rapport dwar kif qeghdin itejbu l-kwalita' ta' kura taghhom. Jekk joghgbok gharraf lill-istaff jekk inti jew membru tal-familja tara modi dwar kif is-servizzi jistghu jkunu mtejba.

### Opportunita' biex tiddiskuti kull mistoqsijiet jew ilmenti li jista' jkollok dwar il-qaghda tieghek fl-isptar

Jekk ikollok mistoqsijiet jew ilment kellem lit-tim li jkun jikkurak jew lir-Rapprezentant tal-Pazjent fl-Isptar.

### Aghmel ilment lill-organizzazzjoni indipendenti ta' l-ilmenti

Ghandek tipprova tirrisolvi l-ilment tieghek ma' l-istaff ta' l-isptar bhala l-ewwel pass.

Jekk ikun ghadek m'intix sodisfatt, tista taghmel ilment lill-Health Services Commissioner (Kummissarju tas-Servizzi tas-Sahha).

## Ir-Responsabbiltajiet Tieghek

**Inti ghandek ir-responsabbilta' li:**

Tahdem mat-tim li jkun jikkurak billi tipprovdi informazzjoni rilevanti dwar is-sahha u c-cirkostanzi tieghek li jistghu jinfluwenzaw il-kura tieghek, irkuprar jew il-qaghda tieghek fl-isptar.

## Aktar Informazzjoni

Aktar informazzjoni dwar ic-Charter tal-Pazjent fl-Isptar Pubbliku tista' tinkiseb f':

patientcharter.health.vic.gov.au



**Health Services Commissioner**
30th Floor, 570 Bourke Street, Melbourne 3000
Telefon 8601 5200
Freecall 1800 136 066
Fax 8601 5219
Website www.health.vic.gov.au/hsc

(0700502)